MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 214/2000/1

**Philip Camilleri**

**vs**

**L-Awtorita` ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I PRELIMINARI

1. L-Awtorita` ta' l-Ippjanar harget Enforcement Notice kontra Philip Camilleri ("l-appellant"), li ikkontestaha quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar ("Il-Bord") b'ittra ricevuta mill-Bord fit-28 ta' Frar 1996 . Il-Process

tal-Bord ma fihx dettalji dwar dan l-avviz ta' twettiq hlief li l-appellant jindika n-numru ta' referenza tieghu, cjoe` "ECF 279/93 ENMU".

2. Fil-mori ta' dak l-appell, ezattament fis-seduta mizmuma mill-Bord fid-19 ta' Novembru 1997 fejn deher l-appellant mhux assistit u l-Enforcement Officer Jonathan Orlando, il-Bord irregistra hekk:
Hemm appell iehor bin-numru 97/95, u ghaldaqstant jiddiferixxi dan l-appell biex jinstemghu kontestwalment.

3. L-appell numru 97/95 kien jikkoncerna appell maghmul mill-istess appellant minn rifjut mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp fis-27 ta' Frar 1995, wara applikazzjoni li l-appellant kien intavola biex jakkwista permess ta' zvilupp, ezattament '*to erect terraced house*' fi Triq il-Kbira, Zebbug. Dana l-appell gie deciz mill-Bord fil-31 ta' Mejju 2000 billi l-appell gie michud u r-rifjut relattiv gie konfermat.

4. Fl-istess date, cioe` fil-31 ta' Mejju 2000, il-Bord iddecieda wkoll l-appell odjern, cioe` dak maghmul fil-konfront ta' l-Enforcement Notice li issemmiet fil-paragrafu 1 ta' din is-sentenza. Id-decizjoni tal-Bord taqra testwalment hekk:-

"Il-Bord,

Ra l-Appellipprezentat minn Philip Camilleri fil-konfront ta' l-Avviz ta' Twettiq mahruga fil-konfront tieghu mill-Awtorita`.

Ra l-atti ta' dan l-appell u l-ECF file relattiv kif ukoll l-atti ta' l-appell numru 97/95 SMS.

Ikkunsidra

In vista ta' decizjoni moghtija llum stess fl-appell 97/95 SMS; Philip Camilleri kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, il-Bord jichad l-appell odjern u jikkonferma l-Avviz ta' Twettiq in kwistjoni."

**<u>II L-APPELL</u>**

5. Fil-15 ta' Gunju 2000 l-appellant ressaq appell minn din id-decizjoni tal-Bord quddiem dina l-Qorti. Huwa semma numri ta' aggravji fosthom in-nullita` ta' l-istess decizjoni. Huwa talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tal-31 ta' Mejju 2000 in kwantu cahdet l-appell quddiem l-istess Bord u kkonfermat l-Avviz ta' Twettiq in kwistjoni u tilqa' l-appell kif propost quddiem l-istess Bord, jew fin-nuqqas tordna li l-process relattiv jintbaghat lura lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar biex l-istess jiddeciedi l-kaz skond il-ligi.

6. Fir-risposta taghha, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar issottomettiet ir-ragunijiet li, fil-fehma taghha, kienu jindikaw li d-decizjoni appellata kienet wahda gusta u li timmerita konferma. Preleminarjament ressqet eccezzjoni dwar in-nullita` ta' l-appell in kwantu ma kienx jikkoncerna punt legali deciz mill-Bord. Talbet li dina l-Qorti joghgobha tichad l-appell u li tikkonferma d-decizjoni tal-Bord.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

7. L-appellant ressaq erba' aggravji. Il-Qorti sejra tibda tinvestiga l-ewwel aggravju, kif ukoll l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar, billi jekk xi wahda minn dawn il-kwistjonijiet tinstab li hija ben fondata, l-Appell ikun rizolut minghajr il-htiega li din il-Qorti tindaga oltre.

8. Bl-ewwel aggravju, l-appellant qieghed isostni li d-decizjoni tal-Bord hija nulla ghaliex hija sprovista minn dawk l-elementi li huma meqjusa essenzjali ghall-validita` ta' decizjonijiet. L-appellant jissottometti li l-Bord kellu jsegwi l-principji stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, fosthom dawk stabbiliti fl-Artikolu 218 tal-Kap. 12, li fil-kaz odjern ma gewx osservati mill-Bord. Dana l-artikolu jiddisponi hekk:-

"218. Fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun hemm fiha wkoll riferenza ghall-prcediment, ghat-talbiet ta' l-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut."

Fost sottomissjonijiet ohra, l-appellant enfasizza:
"Illi kull decizjoni ghandha tkun awtonoma u tiftiehem u ma hemmx dubbju li sentenza kif inghatat fil-31 ta' Mejju 2000 mill-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar mhix awtonoma fis-sens li ma tinftiehemx minghajr referenza ghall-atti kollha ta' l-appell l-iehor."

9. Ma hemmx dubbju li dana l-aggravju jikkoncerna punt ta' ligi li indirettament "gie deciz" mill-Bord. Meta ta d-decizjoni tieghu, l-Bord bilfors li kellu l-intenzjoni li jaghti decizjoni valida. Huwa "ddecieda" il forma li dik id-decizjoni kellha tiehu u effettivament ta d-decizjoni bil-forma deciza minnu. L-appellant ma hux sodisfatt mill-forma uzata mill-Bord fid-decizjoni tieghu, billi l-appellant qieghed jirritjeni li d-decizjoni hija sprovista minn dawk l-elementi essenzjali li decizjoni tat-tribunal ghandu jkollha. Certament dan hu punt legali li gie "deciz", sia pure b'mod indirett, mill-Bord. Ghalhekk l-istess punt legali ma jsib ebda ostakolu mill-pregudizzjali preliminari ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar imsemmija fil-paragrafu 7 ta' din is-sentenza.

10. Fir-risposta taghha ghall-ewwel aggravju sollevat mill-appellant, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar enfasizzat li l-appell odjern kien qieghed jinstema' <u>kontestwalment</u> ma' l-appell 97/95 quddiem il-Bord. Incidentalment anke din il-Qorti semghet iz-zewg appelli mid-decizjonijiet tal-Bord kontestwalment u l-istess zewg appelli se jigu decizi t-tnejn illum stess. L-Awtorita` tirrileva li l-appellant qatt ma insista li l-appelli jimxu separatament u ghalhekk id-decizjoni odjerna tal-Bord, li taghmel referneza ghad-decizjoni fl-appell kontestwali, hija wahda valida.

11. Din il-Qorti jidhrilha li meta zewg kawzi jkunu qeghdin jinstemghu kontestwalment decizjoni wahda tista' taghmel riferenza ghad-decizjoni l-ohra, l-aktar bl-iskop li tevita ripetizzjonijiet bla bzonn. Lanqas taqbel din il-Qorti li l-Bord tassativament hu marbut li josserva il-principju stabbilit fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, fl-assenza ta' direttivi cari u espleciti fl-Att li waqqaf il-Bord. Fil-fatt dana l-Att, cioe` l-Att numru I fol 1992, ezattament fis-subartikolu (9) tal-Artikolu 15, jaghti s-setgha lill-Bord li

jirregola l-proceduri tieghu fin-nuqqas ta’ disposizzjonijiet ohra maghmula skond l-istess Att (illum Kap. 365). Din id-dispozizzjoni taghti indikazzjoni cara li d-dispozizzjonijiet ta’ l-imsemmi Kodici (Kap. 12) ma humiex awtomatikament applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Bord, kif qieghed jargomenta l-appellant. Wiehed ma jridx jinsa li l-Bord huwa tribunal Amministrattiv u wiehed mill-vantaggi li jiggustifika l-ezistenza tieghu huwa precizament l-ezenzjoni li jsegwi l-formalizmu li l-Qrati Ordinarji huma obbligati li jsegwu skond l-imsemmi Kodici. Madanakollu, il-Bord, certament ma jistax jaghmel li jrid u certament meta jaghti d-decizjonijiet tieghu ghandu obbligu li jaghti decizjoni li tkun tosserva certi elementi essenzjali u li facilment tista’ tinftiehem.

12. Sfortunatament dan ma jistax jinghad ghad-decizjoni appellata. Dan huwa hekk l-aktar mhux ghax din id-decizjoni taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija dakinhar stess fl-appell 97/95 fl-ismijiet “Philip Camilleri kontra il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”. Izda l-aktar ghaliex biex id-decizjoni tinftiehem, wiehed irid bilfors ikollu quddiemu l-hekk imsejjah ECF file ta’ l-Awtorita ta’ l-Ippjanar, li l-Bord kellu quddiemu. Ta min wiehed jinnota li l-Avviz ta’ twettiq in kwistjoni ma hux esebit fl-atti tal-Bord.

Id-decizjoni appellata tal-Bord, fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, hija nulla ghaliex min jaqraha ma jaf assolutament xejn dwar l-Avviz ta’ Twettiq li nhareg kontra l-appellant. La hemm id-data meta hareg l-Avviz, la hemm dettalji tas-sit li fuqu inhareg u lanqas hemm xejn dwar in-natura tal-ksur li allegatament kien qieghed isir fuq is-sit. Ghalhekk, meta il-Bord cahad l-appell u kkonferma l-Avviz ta’ twettiq in kwistjoni, din l-istess decizjoni ma tista qatt tigi esegwita ghaliex mid-decizjoni innifisha ma jirrizulta xejn dwar l-elementi neccessarji li jikkonstitwixxu l-istess avviz.

13. F’dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti m’ghandhiex triq ohra ghajr li tannulla d-decizjoni appellata – billi l-ewwel aggravju tal-appellant hu fondat – u tibghat l-atti lura lill-

Bord biex il-partijiet jitpoggew fil-pozizzjoni li kienu fiha ezattament qabel nghatat id-decizjoni appellata.

14. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell tiddikjara li d-decizjoni appellata tal-Bord hija nulla u bla effett u ghalhekk tirrevokaha u tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Bord biex ikompli jisma' u jiddeciedi l-kaz kif fuq inghad, u skond il-ligi. Fic-cirkostanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------